MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2004

Numru 206/2004

**Il-Pulizija**

**(Spettur Louise Calleja)**

**versus**

**'Q'**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet magħmula kontra 'Q' ta' 18-il sena:

Talli fis-27 ta' Jannar, 2004 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, bħala ċittadin jew resident permanenti ta' Malta sew jekk f'Malta jew bara minn Malta ġibed jew ippermetta

li jinġibed xi ritratt, film, video recording jew xbiha elettronika indeċenti ta' persuna taħt l-eta' jew qassam jew wera ritratt, film, video recording jew xbiha elettronika indiċenti bħal dawn, jew kellu fil-pussess tiegħu ritratt, film, video recording jew xbiha elettronika indeċenti bħal dawn liema reat huwa aggravat bil-fatt li xi wħud minn dawn ir-ritratti, filma, vieo recordings jew xbihat elettroniċi indiċenti juru persuni taħt l-eta' li ma kinux għalqu d-disa' snin u dan bi ksur ta' l-artikolu 208 A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet il-provi bil-ġurament.  Mix-xhieda ta' l-Ispettur Louise Calleja jirriżulta li l-imputat irrilaxxja stqarrija, liema stqarrija kienet esebita, kif ukoll li kkopera mal-Pulizja waqt li assuma r-responsabilita' kollha tal-materjal li nstab.

Skond l-istqarrija l-imputat kien jaf li hemm  ritratti u videos ta' pornografija tat-tfal għalkemm ma kienx jaf kemm għandhom żmien eżatt.  Ic-Cd's ta' l-imputat qatt ma ħarġu mid-dar tiegħu.  Huwa żied jgħid ukoll li mhus spiss li huwa niżżel (iddawnlodja) pornografija tat-tfal  u meta partat kien ipartat 'tfajliet kbar ta' mudelli famużi'.

Fis-CD immarkata numru 7, skond it-titolu hemm xbiha ta' tifla ta' tmien snin.

Il-Qorti rat l-atti, d-dokumenti u l-esibiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali esebit  li huwa datat 8 t'April. 2004 u nnutat li l-imputat m'għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu ikun ttrattat bi proċedura sommarja.

L-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontrih u wara li ngħata żmien biex jerġa' jaħsibha ikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi r-reat li jidher fl-artikolu 208 A kien miżjud bl-Att Numru III tas-sena 2002 u għalhekk dan ir-reat għadu xi ftit ġdid.

Illi diġa’ kien hemm każ ieħor deċiż dwar dan ir-reat. (Ara: Il-Pulizija (Spettur Louise Calleja) versus Andrew West tat-13 t’April, 2004 Maġistrat Dr.Saviour Demicoli).

Illi jidher li l-pornografija tat-tfal qed tinkwieta lil diversi pajjiżi tant illi fil-Konvenzjoni dwar is-Cybercrime tal-Kunsill ta’ l-Ewropa[1] l-artikolu 9 jorbot lill-Pajjiżi kontraenti li jagħmlu liġijiet u jieħdu miżuri oħra li jkunu neċessarji biex jisgtabilixxu bħala reati kriminali fil-Liġi domestika, f’dawn iċ-ċirkostanzi:

1) ‘a. producing child pornography for the purpose of distribution through a computer system;

b. offering or making available child pornography through a computer system;
c. distributing or transmitting child pornography through a computer system;
d. procuring child pornography through a computer system for oneself or for another;
e. possessing child pornography in a computer system or on a computer-data storage medium.

2. For the purpose of paragraph 1 above ‘child pornography’ shall include pornographic material that visually depicts:

a. a minor engaged in sexually explicit conduct;
b. a person appearing to be a minor engaged in sexually explicit conduct;
c. realistic images representing a minor engaged in sexually explicit conduct.

3. For the purpose of paragraph 2 above, the term ‘minor’ shall include all persons under 18 years of age. A Party may, however, require a lower age-limit, which shall be not less than 16 years.

[1] CETS No.185 2001

4. Each Party may reserve the right not to apply, in whole or in part, paragraph 1 (d) and 1(e), and 2(b0 and 2©.'

Skond l-artikolu 13 ta' l-istess Konvenzjoni:

'Each Party shall adopt such legislative and other measures as may be necessary to ensure that the criminal offences established in accordance with article 2 to 11 are punishable by effective, proportionate and dissuasive sanctions which include deprivation of liberty.'

Mis-siltiet li qed jidhru hawn fuq jidher ċar kemm il-pornografija li tinvolvi l-minuri trid tittieħed bis-serjeta'.

Il-konsegwenzi tal-pornografija tat-tfal ilhom li bdew jinħassu. Infatti fil-Meese Commission Report[2] insibu dan il-kumment:

'There is substantial evidence that photographs of children engaged in sexual activity are used as tools for further molestation of other children.'

F'artikolu li deher fil-Guardian tal-25 t'April, 2002 Detective Inspector Terry Jones tal-Greater Manchester Police qal:

'We must never lose sight of the fact that, when we look at an image, some poor kid somewhere has been, and still may be at risk.'[3]

Min-naħa l-oħra Roger Darlington, Chairman of the Internet Watch Foundation għamel dan il-kumment:

'More children are abused to meet a growing demand for images.'[4]

Il-Qorti ħassitha fid-dmir li għandha tagħmel dawn il-kummenti għal dawn ir-raġunijiet: (a) minħabba li l-minuri

[2] Meese Commission Report 1986 paġina 411.
[3] http;//www.guardian.co.uk
[4] February 14th 2001.

għandu jkollu protezzjoni sħiħa kemm jista' jkun; (b) kif ukoll biex wieħed jista' jifhem aħjar għala r-reat li jinstab fl-artikolu 208 A tal-Kap 9 għandu jitteħed bl-akbar serjeta'.

Jista' jkun li ħafna persuni li jużaw l-internet ma jafux b'dan ir-reat iżda fil-Liġi Kriminali mhix skuża li wieħed ma jkunx jaf li l-liġi teżisti.

**Il-Każ Odjern.**

Fil-każ odjern ġaladarba kien hemm ammissjoni ta' l-imputat l-imputazzjoni kienet ippruvata skond il-Liġi.

Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 208 A(1) u (3) tal-Kap 9 issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni.

Dwar il-piena, il-Qorti qed tqis dawn iċ-ċirkostanzi:

a) Għalkemm l-imputat m'għadux minorenni huwa għadu kemm għalaq it-tmintax-il sena għalkemm ma jistax jibbenefika mill-artikoli 37 tal-Kap 9;

b) Il-koperazzjoni sħiħa ta' l-imputat mal-Pulizija;

c) L-ammissjoni bikrija tiegħu.

d) Il-fedina penali netta tiegħu.
e) Li mhux spiss li ddawnlodja materjal pornografiku li kien jinvolvi t-tfal.

Tenut kont ta' dan kollu, wara li rat l-artikolu 28A tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għall-piena ta' priġunerija ta' tmien (8) xhur liema piena qed tkun sospiża għal tmintax-il xahar mil-lum.

Il-Qorti spjegat ukoll lill-imputat xi jfisser l-artikolu 28A tal-Kap 9 fi kliem sempliċi.

Inoltre l-Qorti bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-konsfiska u d-distruzzjoni ta' l-oġġetti esebiti u l-Qorti qed tinnomina lir-Reġistratur tal-Qorti biex issir din id-distruzzjoni.

**MAĠISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------